**FIL-QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

**Illum il-Hamis, 25 ta' Novembru 2021**

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 17/2020 ISB**

**Liberty International Malta Limited (C 50958)**

**vs**

**X u b'digriet tal-1 ta' Settembru 2020 d-ditta Cancu Coaches giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza in statu et terminis**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti **Liberty International Malta Limited (C-50958)** pprezentat fid-29 ta' Mejju 2020, li permezz tieghu hija esponiet bir-rispett:-

*1. Illi dan ir-rikors qed jiġi preżentat ai termini ta' Artikolu 218(1)(b) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-"Att");*

*2. Illi Liberty International Malta Limited hija soċjetà b'responsabbiltà limitata reġistrata Malta bin-numru tar-reġistrazzjoni C 50958 u bl-uffiċċju reġistrat The Edge, Office 2, Triq Guze Duca, Qormi, QRM 9088, Malta, u l-attività prinċipali tagħha tikkonsisti fit-twettiq tan-negozju ta' agent tal-ivjaġġar li jinkludi l-amministrazzjoni ta' turżmu dieħel u/jew ħiereġ, u l-organizzazzjoni tal-visti tat-turisti, kemm lokali kif ukoll barra minn Malta, ta' kwalunkwe natura jew tip;*

*3. Illi Artikolu 218(1) tal-Att jipprovdi s-segwenti:*

> *Talba lill-qorti (akta 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal –*
>
> *a) Stralċ ta' kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*
> *b) Xoljiment u stralċ ta' kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*
> *c) Xoljiment u stralċ ta' kumpannija skont l-artikolu 214(2)(b),*
>
> *Għandha ssir b'rikors li jista' jsir mill-kumpannija wara deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributoji…*

*4. Illi dan ir-rikors qed jiġi preżentat wara r- rekwiżit riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tas-soċjetà mittenti annessa hawn taħt u mmarkata bħala Dokument LIML 1;*

*5. Illi, minħabba il-pandemija tal-COVID-19 li qalbet l-industrija tal-ivvjaġġar globali ta' taħt fuq, is-soċjetà mittenti mhijiex f'pożizzjoni li tħallas id-djun tagħha, kif huwa evidenti mill-iktar riċenti 'Annual Report and Financial Statements' tas-soċjetà rikorrenti datati 30 April 2020, annessi ma' Dokument LIML 1 imsemmi hawn fuq bħala 'Annex I', u kif ukoll kif ser jiġi ampjament provat lil din l-Onorabbli Qorti fil-proceduri;*

*6. Illi mill-31 Mejju 2020, is-soċjetà rikorrenti tterminat kull ftehim ta' impjieg mal-impjegati tagħha, u għalhekk m'għandhiex min jista' jeżegwixxi l-attività prinċipali tagħha sabiex tiġġenera dħul;*

*7. Illi s-soċjetà rikorrenti għandha lista estenziva ta' krredituri li għandhom djun pendenti kontra s-soċjetà debitriċi, kif joħroġ mill-lista ta' Receivables and Payables annessa hawn taħt u mmarkata bħala Document LIML 2, u din tirrendi stralċ volontarju tal-krredituri diffiċli wisq sabiex tikkoordina, u għalhekk huwa meħtieġ li tiġi stralċjata mill-qorti;*

*8. Illi hemm bżonn li s-soċjetà mittenti tiġi stralċjata ai temini ta' Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att.*

*GĦALDAQSTANT ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna;*

(i) *Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà rikorrenti mhijiex f'qagħda li tħallas id-djun tagħha ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att;*

(ii) *Tordna x-xoljiment u l-istralċ konsegwenzjali tas-soċjetà rikorrenti a tenur tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att; u*

(iii) *Tagħti kull provvediment ieħor opportun sabiex jinħatar stralċarju u jiġi kondott l-istralċ konseqgwenzjali tas-soċjetà rikorrenti ai termini tal-Att.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotur (DOK LIML 1 u LIML 2).

Rat id-digriet taghha kif dak in-nhar preseduta tat-8 ta' Gunju 2020 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-1 ta' Settembru 2020 fl-11:30am.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fis-7 ta' Lulju 2020 (ara tergo ta` fol 85).

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Settembru 2020, saret talba tad-ditta Cancu Coaches sabiex tintervjeni *in statu et terminis* fil-kawza, liema talba giet dak in-nhar milqugha.

Rat id-dokumenti pprezentati mid-ditta Cancu Coaches in sostenn tal-pretensjoni ta' kreditu taghha fil-konfront tas-socjeta` Liberty International Malta Limited (fol 92 sa fol 96), u f'dan ir-rigward semghet ukoll ix-xhiedha ta' Dorianne Scicluna fis-seduta tal-1 ta' Settembru 2020;

Rat id-digrieti moghtija fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2020 meta Island Resorts Company Limited, Sunroute Hotels Limited u Meli Car Rentals Limited gew ammessi fil-proceduri bhala kredituri tal-kumpannija Liberty International Malta Limited, izda ma sabitx illi hemm provi bizzejjed sabiex tammetti lis-socjeta` Barbrossa Excursions Limited bhala kreditirici tal-istess Liberty International Malta Limited.

Rat l-affidavit ta' Mario Enzesberger pprezentat b'nota datata 4 ta' Novembru 2020 (fol 140) u l-kontro-ezami tieghu maghmul fis-seduta tal-25 ta' Frar 2021 (fol 180);

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Claire Tsiakas in rapprezentanza ta' Island Resorts Company Limited ppresentata b'nota tat-13 ta' Novembru 2020 (fol 143);

Rat ir-rikors ta' Bacchus Company Limited talt-18 ta' Novembru 2020 (fol 146) li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi hija kreditirici ta' Liberty

International Malta Limited, talbet li hija tintervjeni *in statu et terminis* u tressaq is-sottomissjoni taghha – talba in parte milqugha b'digriet tat-23 ta' Novembru 2020;

Rat ir-rikors ta' Luciano Bianco Limited tad-9 ta' Dicembru 2020 (fol 149) li peremzz tieghu talbet lill-Qorti sabiex tammettiha fil-proceduri peress illi hija kreditirici tas-socjeta` Liberty International Malta Limited, liema talba giet akkordata fl-14 ta' Dicembru 2020;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' George Micallef (fol 173) in rapprezentanza tas-socjeta` Sunroute Hotels Limited;

Rat in-nota guramentata ta' Meli Car Rentals Limited (fol 177) tat-12 ta' Jannar 2021;

Rat in-nota ta' AX Hotel Operations plc tat-13 ta' Mejju 2021 (fol 197) bid-dokumenti hemmek annessi;

Rat illi l-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta mir-rikors promotur is-segwenti:

Illi s-socjeta` rikorrenti **Liberty International Malta Limited (C50958) (LIML)** twaqqfet u giet registrata f'Malta bl-attivita` principali taghha jkun dak ta' agent tal-ivvjaggar li jinkludi l-amministrazzjoni ta' turizmu diehel jew hiereg minn Malta u l-organizazzjoni ta' visiti tat-turisti f'Malta u barra minn Malta;

Illi hija socjeta` b'responsabbilita' limitata bl-uniku socju fiha tkun socjeta` registrata fil-Liechtenstein bl-isem ta' Liberty International AG u malli faqqet il-pandemija tal-Covid19, jidher illi hadet l-opportunita' sabiex tghaddi rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi sabiex tinizjala dawn il-proceduri. Hija ssostni illi hemm numru kbir ta' kredituri li maghhom il-kumpannija LIML ghandha d-dejn u peress illi stralc volontarju jkun difficli illi jigi kkoordinat, dehrilha illi jkun aktar opportun illi l-kumpannija LIML tigi stralcjata bl-ordni tal-Qorti ai termini tal-Artiklu 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi s-socjeta` rikorrenti waqqfet l-attivita' ekonomika taghha tant illi tiddikjara illi b'effett minn Mejju 2020 hija waqqfet il-haddiema kollha li kienu fl-impjieg taghha u fis-27 ta' Mejju 2020 ghaddiet ir-Rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi taghha sabiex jigu inizjalati dawn il-proceduri.

Illi dan kollu hawn fuq msemmi kien dikjarat ukoll minn Mario Enzesberger fl-affidavit xott xott tieghu, uniku direttur tal-kumpannija LIML.

Mill-kontro-ezami tal-istess xhud, jirrizulta illi huwa Direttur Manigerjali u ukoll azzjonista fis-socjeta` Liberty International AG, l-uniku socju fil-kumpannija LIML. Jispjega illi LIML kienet qed tigi managed minn impjegat bl-isem ta' Raymond Farrugia li tkecca fis-sena 2019 ghaliex "*he did not fully do his job*". Huwa jikkonferma ukoll illi l-ahhar financial statements sottomessi mis-socjeta` LIML lill-MFSA kienu dawk tas-sena 2017.

Mario Enzesberger jispejga illi fis-sena 2018 jew 2019 hu kien appuntat direttur ta' LIML, u filwaqt illi jikkonferma illi kien jaf bl-andament u l-posizzjoni tal-kumpannija, huwa ma kienx konxju ta' *committment* tas-socji precedenti tal-kumpannija biex jingettaw *cash* fil-kumpannija minhabba d-dejn li gja kienet akkumulat. Jghid illi l-obbligazzjoni/committment kien "*for the normal running of the company*" u mhux "*for situations like which force majeure, like such things like pandemic*".

Ix-xhud jispejga illi LIML waqqfet tiehu bookings f'Mejju 2020 anke jekk "*we were all in big turmoil begininng with the year February March 2020*", u ighid illi meta gie il-pandemija, ma setghux jibqghu jghinu lil klijenti "*simple as it is*". Huwa spejga illi ma kienx f'pozizzjoni illi jaghti rendikont tad-day to day business, pero` mistoqsi dwar jekk l-intorjtu tal-kumpannija kienx jidhol fil-kotba, huwa ighid "*I do not know, but normally the money would be listed in the accounts of the company*".

Jispjega illi l-kumpannija tilfet il-klijentela kollha mal-pandemija peress illi x-xoghol fis-settur turistiku waqaf fil-maggoranza stravaganti tieghu. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-kumpannija tkunx lesta terga' tibda topera meta l-effetti tal-pandemija jbattu, ix-xhud ighid "*we cannot take business becasue we have no more company in Malta*". Jispjega ulterjorment illi minhabba l-pandemija, Liberty International AG kellha taghlaq madwar 20% tal-kumpanniji taghha, fosthom Malta. In kwantu ghal Malta, ighid illi l-effetti tal-pandemija bdew jinhassu f'Marzu "*when all bookings were cancelled*".

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi din l-azzjoni u s-sejha ghall-istralc tal-kumpannija LIML hija msejjsa fuq l-artiklu 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

### Art. 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta

Id-disposizzjoni tal-KAP 386 li abbazi taghha hija msejjsa din il-procedura jipprovdi hekk:

> *Barra mill-mod ta' xoljiment imsemmija fis-subartikolu(1) –*
>
> *(a) kumpanija tista' xxolji u tkun stralċjata mill-qorti fiċ-ċirkostanzi li ġejjin –*
>
> *(i) jekk in-negozju tal-kumpanija jkun sospiż għal perjodu bla waqfien t´ erbgħa u għoxrin xahar;*
>
> *(ii) <u>il-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha</u>;*

Illi l-Qorti jidhrilha illi huwa pacifiku jinghad illi proceduralment, il-kumpannija LIML mxiet anke mal-provvedimenti tal-Artiklu 218(1) sabiex intavolat dawk il-proceduri.

Illi l-Qorti tifhem illi l-pandemija Covid19 kellha effett negattiv kbir fuq is-settur turistiku u allura tifhem ukoll li l-kumpannija LIML setghet certament intlaqtet hazin bhal hafna ohrajn. B'dana kollu huwa fatt maghruf illi mhux kull operatur kummercjali fis-settur turistiku ha decizjoni malajr malajr, kif ghamlet din odjerna, sabiex tmur ghall-istralc. Il-Qorti qed tghid dan ukoll fl-isfond tad-dokument LIML 2 pprezentat mar-rikors promotur minn fejn jirrizulta illi l-kumpannija LIML kienet ilha takkumula djun sa almenu minn sentejn jew tlieta qabel il-pandemija, liema djun baqghu jidhru bhala dovuti f'Mejju 2020 meta waqqfet l-operat taghha u hadet id-decizjoni li tmur ghall-istralc.

Fin-nuqqas ta' prova jew dikjarazzjoni kuntrarja, il-Qorti ghandha ghaliex tifhem ukoll illi dawn il-proceduri huma meqjusa bhala *main insolvency proceedings* ai termini tal-Artiklu 3 u 4 tar-**Regolament EU 2015/848** tal-20 ta' Mejju 2015.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati, jidhrilha illi gew sodisfatti il-voti tal-ligi sabiex tkun tista` tghaddi

biex takkolja it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li l-Qorti giet mgharrfa bihom, din il-Qorti qeghda <u>tilqa' t-talbiet kif dedotti</u> fir-rikors tas-socjeta` rikorrenti u:

1. **Tordna** illi s-socjeta` **Liberty International Malta Limited (C50958)** tigi xjolta b'effett immedjat u konsegwentament stralcjata a bazi tal-artiklu 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **Tahtar** lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju.

3. **Taghti** lill-istralcarju s-setghat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, fosthom imma mhux esklussivament illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija *de quo*, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghmel rapport lill-Qorti ai termini tal-Artiklu 227 tal-istess KAP 386,

   b) Jaghmel il-verifiki kollha necessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija *de quo* u jekk ikun il-kaz, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

   c) Jiehu taht il-kustodja u l-kontroll tieghu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpannija **Liberty International Malta Limited** jista' ghandha, u dan ai termini tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

   d) Jaghmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proceduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpannija de quo.

   e) Jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpannija jista' ghandha,

4. **Tordna** lill-istralcjarju sabiex jipprezenta rapport tal-hidma tieghu sa' qabel l-udjenza li jmiss.

5. **Tordna** li l-ispejjez u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-procediment, inkluzi l-ispejjez kollha tal-istralc komprizi l-ispejjez u d-drittijiet tal-istralcjarju, ghandhom jithallsu mill-kumpannija rikorrenti Liberty International Malta Limited.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi minghajr dewmien ir-Registratur tal-Qrati jghaddi kopja legali ta' din id-decizjoni lir-Ricevitur Ufficjali u lir-Registratur tal-Kumpanniji u qed thalli l-istralc ghar-rapport ta' l-istess Ricevitur Ufficjali.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Rita Vella Baldacchino**
**Deputat Registratur**